MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2003

Rikors Numru. 16/2003/1

***Fl-Atti tar-Riferenza tat-30 ta' Mejju, 2003, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D.) fl-Atti tal-Kawża fl-ismijiet:***

**IL-PULIZIJA (Spettur Anġelo Caruana)**

**vs**

**Anthony ŻAMMIT, John Woods u Ahmed Esawi Mohamed Fakri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Mejju, 2003[1]

[1] Paġġ. 326-330 tal-atti tal-Kawża

(sedenti l-Maġistrat Dottor Miriam Hayman LL.D.) li permezz tagħha u fuq talba magħmula b'rikors imressaq mill-akkużat John Woods fid-29 ta' April, 2003, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ is-siwi tal-ilment imqanqal mill-imsemmi rikorrent, ma' liema lment assoċjaw irwieħhom iż-żewġ akkużati l-oħrajn waqt is-smigħ quddiem dik il-Qorti tat-30 ta' Mejju, 2003;

Rat id-Degriet tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2003, li bih appuntat is-smigħ tar-Riferenza għat-12 ta' Ġunju, 2003, u tat żmien mid-data tan-notifika lil min għandu interess biex iressaq Tweġiba;

Rat ir-Risposta mressqa fit-12 ta' Ġunju, 2003, li biha l-Kummissarju tal-Pulizija issottometta:

Preliminarjament illi ma saretx in-notifika lill-Avukat Ġenerali kif preskritt bl-artikolu 181B(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u din il-kawża ma tistax titkompla qabel ma ssir dik in-notifika;

Illi fil-mertu hu jagħmel riferenza għar-risposta minnu ntavolata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġuridika Kriminali qabel id-digriet tagħha tat-30 ta' Mejju, 2003, filwaqt li jirrizerva li jirrispondi ulterjorment wara li ssir notifika a tenur ta' l-Artikolu 181b(3) tal-Kap. 12 u jingħata ħin opportun għall-istess;

Jingħad biss f'dan il-mument illi *remission* minn sentenza ta'  priġunerija mogħtija minn Qorti trid tiġi *earned* u mhuw awtomatika u f'dan il-każ dak li jagħmel il-bord dixxiplinarju tal-ħabs u li jara jekk kienx hemm ksur tad-dixxiplina li jtellef lill-priġunier minn din ir-*remission* li hu seta' jakkwista b'imġieba tajba mingħajr ksur tad-dixxiplina, u jidher għalhekk illi ma hemm ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew ta' l-Artikolu 6(sic) tal-Protokol 7, anke fid-dawl li fir-rikors fejn intalbet ir-riferenza ma hemmx b'mod ċar l-ilment tar-rikorrent;

Għaldaqstant l-esponent filwaqt li jirrizerva d-dritt għal risposta ulterjuri wara d-debita notifika skond il-liġi

jissottometti li din il-Qorti għandha tiddeċiedi din ir-riferenza billi tiddikjara illi ma hemmx ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;

Rat it-tliet (3) dokumenti mehmużin mal-imsemmija Risposta;

Rat in-Nota mressqa waqt is-smigħ tas-17 ta' Ġunju, 2003[2], li biha l-akkużat John Woods ċeda l-atti fil-konfront tiegħu;

Rat in-Nota mressqa waqt is-smigħ tas-17 ta' Ġunju, 2003[3], li biha l-Avukat Lynn Żahra irrinunzjat għall-patroċinju tal-akkużat John Woods;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta' Ġunju, 2003[4], u b'mod partikolari dik il-parti fejn tirrigwarda l-episodju marbut mar-rinunzja għall-atti min-naħa tal-akkużat Woods;

Rat illi l-Kummissarju tal-Pulizija, għalkemm fuq talba tiegħu ngħata l-opportunita' biex iressaq Risposta Ulterjuri għar-Riferenza, baqa' ma ressaq l-ebda att f'dan is-sens;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni fit-tul u bil-fomm magħmula mill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha, magħduda l-provi dokumentali mressqa waqt it-trattazzjoni tar-Riferenza u kif ukoll l-atti tal-proċeduri fil-konfront tal-akkużati kemm dawk fi stadju istruttorju u kif ukoll dawk fi stadju ta' ġudikatura;

Rat id-degrieti tagħha tal-10 ta' Lulju, 2003, u dak kamerali tad-19 ta' Settembru, 2003, li bihom ħalliet ir-Riferenza għas-sentenza;

[2] Paġ. 22 tar-Riferenza
[3] Paġ. 21 tar-Riferenza
[4] Paġ. 23 tar-Riferenza

Rat id-Degriet kamerali tagħha tat-28 ta' Novembru, 2003[5], fuq talba magħmula f'isem John Woods b'rikors tad-19 ta' Novembru, 2003;

Rat id-Degriet tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2003.

***Ikkunsidrat:***

Illi l-każ jirrigwarda lment mill-akkużati li t-tressiq tagħhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati biex iwieġbu għall-akkuża marbuta ma' ħarba mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fejn kienu qegħdin jinżammu, jikkostitwixxi ksur tal-jedd fondamentali tagħhom li ma jkunux suġġetti għal smigħ ieħor dwar l-istess reat. Huma jgħidu li, dwar l-istess fatt attribwit lilhom fl-att tal-akkuża li issa qiegħed jinstama' mill-Qorti tal-Maġistrati (li għamlet din ir-Riferenza), huma diġa' tressqu quddiem u għaddew minn proċeduri ta' Bord ta' Dixxiplina intern, li sabhom ħatja u tahom kastig billi naqqsilhom għadd ta' jiem ta' maħfra (*remission*) mill-piena ta' ħabs li huma diġa' kienu qegħdin jiskontaw dwar reati oħrajn li kienu nstabu ħatja dwarhom;

Illi għall-ilment tal-akkużati, il-Kummissarju tal-Pulizija (u aktar 'il quddiem ingħaqad miegħu l-Avukat Ġenerali, li għamel tiegħu s-sottomissjonijiet tal-Kummissarju) laqa' billi qal li l-proċeduri interni ta' dixxiplina li għalihom kienu suġġetti l-akkużati ma jistgħux jitqiesu bħala proċeduri ta' natura kriminali quddiem Qorti u għalhekk ma jistgħux jintużaw biex iwaqqfu proċeduri oħrajn meħudin quddiem Qorti ta' natura kriminali fuq il-bażi ta' *ne bis in idem*. Huma jisħqu li t-teħid ta' passi dixxiplinari interni mill-awtoritajiet tal-ħabs dwar imġiba ta' persuna miżmuma f'dik il-faċilita' ma tistax ixxejjen is-siwi ta' proċeduri kriminali li jistgħu jittieħdu kontra l-istess persuna jekk dak l-għamil jikkostitwixxi wkoll reat. Huma jgħidu li l-ilment tal-akkużati jfixkel il-kunċett tas-smigħ xieraq (*fairness*) mal-kwestjoni tal-passibilita' ta' dik l-istess persuna għal proċediment kontriha dwar twettiq ta' reat: il-waħda ma

[5] Paġġ. 100-3 tal-proċess

twarrabx lill-oħra. Fl-aħħarnett, huma jsostnu li t-telfien ta' jiem ta' maħfra mill-piena tiddependi għal kollox mill-imġiba tal-persuna miżmuma fil-ħabs, bl-istess mod li l-maħfra mill-piena tiddependi mill-istess imġiba. Għalhekk, il-kostatazzjonijiet li jista' jagħmel il-Bord tad-Dixxiplina tal-Ħabs dwar jekk il-persuna tkunx tilfet jew le xi jiem ta' maħfra minħabba għemilha ma jista' qatt isejjes ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew l-artikolu erbgħa (4) tas-Seba' Protokoll tagħha;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti, jirriżulta li t-tliet akkużati kienu miżmuma fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin f'Ġunju tal-2000, u dan b'riżultat ta' sentenzi mogħtijin dwar kull wieħed minnhom mill-Qrati Maltin fi proċessi u fuq akkużi differenti. Dak iż-żmien huma kienu qegħdin jiskontaw pwieni ta' ħabs. Fil-għaxija tas-7 ta' Ġunju, 2000, irriżulta[6] li t-tliet akkużati ma nstabux f'posthom fit-Taqsima Y.O.U.R.S. fil-Faċilita' u nbdiet tfittxija għalihom. Huma nstabu xi jiem wara f'lokalita' oħra (fir-Rabat) u reġgħu ttieħdu l-ħabs. Saret investigazzjoni interna u ttieħdu proċeduri li spiċċaw quddiem il-Bord ta' Dixxiplina tal-Ħabs li, wara li sama' l-każ, qatagħha li jimponi tnaqqis ta' jiem ta' maħfra dwar kull wieħed mill-akkużati taħt ir-Regolamenti tal-Ħabs. B'effett ta' tali proċedimenti, kienu ttieħdu miżuri oħrajn dixxiplinari[7]. Fil-każ tal-akkużati Żammit u Eżawi Mohamed Fakri, dawn appellaw minn dik id-deċiżjoni, u t-Tribunal tal-Appell fil-21 ta' Lulju, 2000, irriforma f'parti d-deċiżjoni li kienet ittieħdet, billi laqa' limitatament l-appell tal-akkużati[8]. Fit-2 ta' Marzu, 2001, l-akkużati tressqu b'arrest il-Qorti u ġew mixlija, fost l-oħrajn, bir-reat ta' ħarba bi ksur[9]. Fid-29 ta' April, 2003, tressaq ir-Rikors mill-akkużat Woods li dwaru l-Qorti tal-Maġistrati ipprovdiet billi għamlet ir-Riferenza preżenti fit-30 ta' Mejju, 2003;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza għandu jingħad qabel kull ħaġa oħra li din il-Qorti hija marbuta li tqis il-kwestjoni kostituzzjonali skond

---

[6] Dok "WA3", f'paġ. 34 tal-proċess
[7] Ara x-xhieda ta' PS1211 Żammit 14.2.2003, f'paġġ. 287-9; u 30.4.2003 f'paġġ. 299-302 tal-atti tal-Kawża; u Dok "WA3", f'paġġ. 33, 35, Dok "WA4", f'paġġ. 42, 44 tal-proċess
[8] Dokti "WA3" f'paġġ. 36 sa 41 u Dok "WA4", f'paġġ. 45-7 tal-proċess
[9] Art 152 tal-Kap 9 u r-Regolament 74(u) tal-A.L. 118 tal-1995 (maħruġ taħt il-Kap 260)

il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza[10];

Illi meta wieħed iqis ir-rikors imressaq minn John Woods, dan jidher li bnih fuq allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Ma semma l-ebda dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta;

Illi meta wieħed madankollu jifli r-raġunamenti u l-parti deċiżiva tal- provvediment mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati, wieħed isib li dik il-Qorti waslet għall-fehma illi l-ilment imqanqal fir-rikors tal-akkużati kien jikkostitwixxi "kwestjoni" għall-finijiet ta' materja ta' natura kostituzzjonali (u kif ukoll konvenzjonali) marbuta ma' dritt fondamentali u li tali lment ma huwiex la wieħed frivolu u lanqas wieħed vessatorju. Fit-termini tal-istess riferenza, tajjeb li jingħad ukoll li dik il-Qorti ma jidhirx li illimitat ir-riferenza għall-eżami tar-relattivi dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, imma wessgħetha wkoll għall-eżami tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni;

Illi għalhekk, l-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti għandu jkun wieħed li jqis jekk iseħħx ksur tal-prinċipju ewlieni tan-*ne bis in idem* bit-tressiq tal-akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bix-xilja li dwarha huma diġa' ġarrbu proċedura dixxiplinari li switilhom it-telfien ta' għadd ta' jiem ta' maħfra u sanzjonijiet oħrajn, u dan fid-dawl tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, u tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni;

A) **L-Aspett Kostituzzjonali tal-prinċipju tan-*ne bis in idem***

---

[10] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**) a fol. 243.

Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proċediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew proċedura ta' reviżjoni tal-ewwel proċess. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diġa' ngħatat maħfra. Tali prinċipju jsib ix-xbieha tiegħu ukoll fil-Kodiċi Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha[11];

Illi l-imsemmi sub-artikolu (9), jagħmel parti minn dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi mogħti lil kull persuna akkużata b'reat;

Illi huwa wkoll stabilit[12] li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess;

Illi, fi kliem il-liġi, l-imsemmija dispożizzjoni ma tolqot 'l-ebda liġi li tagħti s-setgħa lil xi Qorti li tisma' proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali li dwaru dak il-membru (kemm jekk instab ħati kif ukoll jekk inħeles mix-xilja) jkun diġa' għadda minn proċeduri dixxiplinari ta' dak il-korp. Iżda, fil-każ li l-Qorti ssib ħtija ta' membru bħal dak, għandha tieħu qies ta' kull piena mogħtija lill-membru taħt il-proċeduri dixxiplinari tal-korp;

Illi l-artikolu 47(1) tal-Kostituzzjoni jfisser "korp dixxiplinari" bħala korp navali, militari jew tal-ajru tal-Gvern ta' Malta, il-Korp tal-Pulizija, kull korp ieħor ta' pulizija mwaqqaf b'liġi

---

[11] Art. 527 tal-Kap 9

[12] Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**) li l-akkużati rreferew għas-sentenza mogħtija fl-ewwel grad (7.7.1999) tagħha fit-trattazzjoni tal-għeluq tagħhom,

f'Malta u s-servizz tal-ħabs ta' Malta. Bil-frażi "Qorti", l-istess artikolu jifhem Qorti f'Malta li ma tkunx imwaqqfa bi jew skond xi liġi dixxiplinarja. Filwaqt li "liġi dixxiplinarja" tgħodd għal liġi li tirregola d-dixxiplina ta' korp dixxiplinat u ta' persuni li jkunu qed jiskontaw kundanni ta' ħabs. Fl-aħħarnett, dwar korp dixxiplinat "membru" tfisser kull persuna li, skond il-liġi dixxiplinari ta' tali korp, tkun suġġetta għal dik id-dixxiplina;

Illi l-Qorti f'dan il-waqt tagħmel riferenza għal dak sottomess mill-abbli difensur tal-akkużati waqt it-trattazzjoni bil-fomm tiegħu dwar l-applikabilita' tal-artikolu 39(9) lil persuni bħall-akkużati. Huwa jisħaq li persuna miżmuma l-ħabs ma tista' qatt titqies bħala membru ta' "korp dixxiplinat", għaliex tali persuna ma ngaġġatx minn rajha u t-tifsira mogħtija fl-artikolu 47 tapplika biss għal kategoriji ta' persuni li jingaġġaw f'korp minn rajhom. Minn dan huwa jislet l-argument li l-eċċezzjoni li wieħed isib fil-*proviso* tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ma tistax tgħodd għall-persuni detenuti fil-ħabs. Għalkemm l-argument mhux nieqes minn element ta' interess, il-Qorti ma ssibx li tista' tilqgħu. Dik it-tifsira ma tistax tinftiehem sewwa, għall-finijiet tal-artikolu 39, jekk mhux imsensla mat-tifsiriet l-oħrajn li jingħataw fl-artikolu 47. Dan jingħad għaliex, filwaqt li t-tifsira ta' "liġi dixxiplinarja" tagħmilha ċara li din tapplika għal persuni li jkunu qegħdin jiskontaw sentenza ta' ħabs (ċertament, għalhekk, mhux limitata għal persuni li jaħdmu f'dik il-faċilita'), il-kelma "membru ta' korp dixxiplinat" tgħodd magħha (jiġifieri ma teskludix) persuna li skond il-liġi taqa' taħt dik id-dixxiplina. Issa l-Qorti trid temmen ukoll li ma jistax ikun li wieħed ifisser sewwa t-test tal-Kostituzzjoni biex iġibu ma jfisser xejn, u temmen ukoll li huwa essenzjali li d-dispożizzjonijiet tal-istess Kostituzzjoni jingħataw tifsira li torbothom flimkien u mhux li tnittifhom minn xulxin biex ma jwasslu mkien jew biex iwaqqgħu 'l xulxin;

Illi jidher f'dan ir-rigward li għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) jixxiebhu ma' dawk tal-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni f'dak li huwa l-qofol tal-prinċipju maħsub, bl-ebda mod ma jista' jsir tqabbil

tagħhom fuq il-livell ta' applikazzjoni jew tifsir[13]. Għalhekk, meta wieħed iqis il-prinċipju tan-*ne bis in idem* għall-finijiet ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed irid iżomm sewwa quddiem għajnejh id-differenza bejn il-livell kostituzzjonali u dak konvenzjonali;

Illi, kif ingħad, dan is-sub-artikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa' lill-persuna mixlija minn dak mogħti mill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, sewwasew għaliex jgħolli l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* għal-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali. Iżda dak l-artikolu huwa mliġġem b'eċċezzjoni li ma tinsabx fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni;

Illi mill-kliem tal-istess eċċezzjoni, jidher li l-fatt li l-proċeduri dixxiplinari ta' qabel quddiem tribunal li mhuwiex "Qorti" għall-finijiet tal-Kostituzzjoni kienu jitqiesu bħala proċeduri ta' għamla kriminali ma jfixklu xejn it-tmexxija 'l quddiem ta' proċeduri oħrajn quddiem Qorti kompetenti f'Malta. Dan għaliex dik il-Qorti għandha l-ewwel twettaq ħidmietha kif imiss fil-liġi u mbagħad, jekk tasal għall-fehma li kien hemm ħtija, tqis il-piena li setgħet ġiet mogħtija fil-proċeduri ta' qabel meta tiġi biex tagħti l-piena skond is-sejbien tal-ħtija min-naħa tagħha;

Illi, minbarra dan, l-istħarriġ tal-allegazzjoni imqanqla minn parti mixlija b'reat li dik il-proċedura hija ripetizzjoni ta' proċedura bħalha li diġa' kienet ittieħdet kontriha għall-istess reat għandu jsir mill-Qorti li quddiemha titqanqal l-imsemmija eċċezzjoni. Sakemm dan isir u l-fatt li dan isir, huwa meqjus bħala stadju proċedurali li jżomm milli jseħħ ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni[14]. Dan jingħad għaliex biex ikun hemm ksur tad-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni, l-Qorti trid tkun injorat il-piena jew sanzjoni li l-persuna tkun diġa' ngħatat minn u taħt il-proċeduri

---

[13] Ara, per eżempju, Kost. **20.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i. 370, a fol 382** *et seq*) għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova

[14] P.A. (Kost) **10.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Kummissraju tat-Taxxi Interni et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.525**)

dixxiplinari li kienu saru qabel, meta tiġi biex tapplika piena hi għas-sejbien ta' ħtija;

Illi f'dan l-istadju jista' jingħad li din l-interpretazzjoni tat-test Kostituzzjonali tinjora għal kollox **il-fatt waħdu ta' proċedura ripetuta** fil-konfront tal-istess għamil li persuna tkun wettqet. Fi kliem ieħor, jista' jagħti l-każ li persuna titressaq l-ewwel taħt proċedura dixxiplinari u tinħeles, u terġa' titressaq taħt proċedura quddiem Qorti dwar reat għall-istess għamil u tinħeles ukoll. F'dan il-każ, huwa minnu li ma tkunx batiet piena, imma ħadd ma jista' jiċħad li hija tkun għaddiet minn żewġ proċeduri għall-istess fatt u mill-ansjeta' u t-tiġrib kollu li dawn iġibu magħhom. Jidher, iżda, li l-eċċezzjoni misjuba fil-*proviso* tal-artikolu 39(9) ma tqisx dan il-preġudizzju bħala ta' xkiel għat-teħid ta' proċeduri oħrajn ta' għamla kriminali quddiem Qorti bla ma jkun hemm ksur tal-istess sub-artikolu. Biex ikun hemm ksur tad-dispożizzjoni relattiva tal-Kostituzzjoni irid jirriżulta li l-ewwel proċeduri kienu ttieħdu minn "Qorti" kif imfissra fl-istess Kostituzzjoni;

Illi għalhekk meta wieħed iqis kif inhu mibni l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni, u b'mod partikolari meta wieħed iqis sewwa l-parametri stretti tat-tifsiriet tal-kliem użat u kif ukoll l-esklużjoni misjuba fil-*proviso* tal-istess artikolu, il-Qorti tasal għall-fehma li ma jistax jingħad li t-teħid fil-konfront tal-akkużati ta' proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali dwar egħmejjel li dwarhom l-istess akkużati kienu diġa' għaddew minn proċeduri dixxiplinari interni mill-awtoritajiet tal-Ħabs taħt ir-Regolamenti fis-seħħ, jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni;

Illi fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li l-proċeduri mibdijin kontra l-akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni;

B) **L-Aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* taħt il-Konvenzjoni.**

Illi, min-naħa l-oħra, l-aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* kif applikat taħt il-Konvenzjoni jieħu xejra xi ftit

differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diġa' aċċennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaġa tennew il-Qrati tagħna wkoll f'xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-ġurnata jagħmel biċċa mil-liġi ta' Malta[15], jipprovdi li ħadd ma jista' jiġi ipproċessat jew ikkastigat għal darba oħra fi proċediment kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun ġie ipproċessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skond il-liġi u l-proċedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel eċċezzjoni fil-każ li, skond il-liġi u l-proċedura penali ta' xi Stat, każ jista' jerġa' jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta' fatti ġodda li jkunu għadhom kif irriżultaw, jew jekk fl-ewwel proċediment ikun seħħ xi "vizzju fondamentali", li f'kull każ minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolġi l-każ. Ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu ma jippermetti l-ebda deroga minn Stat marbut mill-Konvenzjoni;

Illi għalkemm ma jissemmiex fir-Riferenza, ma jistax jonqos li l-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti ma jżommx ukoll quddiem għajnejh dak li jipprovdi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, għaliex wieħed ma jistax iqis kif imiss l-implikazzjonijiet tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jekk mhux fid-dawl tal-imsemmi artikolu, kif sejjer jitfisser iżjed 'il quddiem f'din is-sentenza. Huma dawn id-dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar il-prinċipju tan-*ne bis in idem*, li huwa meqjus bħala element ewlieni biex jiġi assikurat smigħ xieraq lil persuna u li jagħmel parti sħiħa mill-assjem ta' garanziji li jobbliga lill-Istat li jiggarantixxi lil kull persuna mixlija b'reat li ma jinkisrux il-jeddijiet mogħtijin taħt dak id-dritt. Iżda, kif sewwa issottometta l-abbli difensur tal-Avukat Ġenerali, wieħed m'għandux iwaħħad il-jedd tan-*ne bis in idem* mal-jedd ta' smigħ xieraq daqslikieku kienu l-istess ħaġa. Dan jgħodd iżjed u iżjed f'dan il-każ fejn l-akkużati ma jsejsux l-ilment tagħhom speċifikatament fuq ksur tal-jedd tagħhom għal smigh xieraq;

Illi partikolarment dwar dan l-aħħar imsemmi artikolu 4, jidher xieraq li jingħad li l-fatt waħdu li jeżisti bħala artikolu

[15] Bis-saħħa tal-Att XXI tal-2002, li daħal fis-seħħ fit-12 t'Ottubru, 2002 (A.L. 311/2002)

għalih ma jneħħihx mill-ambitu tal-ħarsien ta' jedd għal smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan il-fattur jidher li għadu sal-lum il-ġurnata mħolli miftuħ ukoll fid-deċiżjonijiet tal-organi ġudizzjarji kompetenti konvenzjonali. Madankollu, lanqas ma jista' jingħad li l-artikolu 4 huwa għal kollox ħaġa waħda mal-artikolu 6, għaliex fil-fatt m'huwiex, la fit-tfassila tiegħu u lanqas fl-għanijiet li għalihom huwa maħsub. L-artikolu 6, bħala artikolu ta' firxa usa', iħares il-jedd ta' smigħ xieraq kollu kemm hu, magħduda fih il-prinċipju li, f'qasam penali, persuna ma terġax tgħaddi proċeduri kriminali dwar l-istess reat. Imma dan ma jfissirx li l-artikolu 4 tal-Protokoll huwa għal kollox assorbit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Kemm hu hekk, l-artikolu 4 huwa limitat għal proċedimenti ta' għamla kriminali meħudin kontra l-istess persuna fl-ambitu tal-istess ġurisdizzjoni ta' Stat partikolari;

Illi, iżjed minn hekk, dak l-artikolu ma jżommx milli persuna tiġi suġġetta għal iżjed minn proċediment wieħed ta' karattru differenti, bħal fil-każ ta' teħid ta' proċeduri dixxiplinari u proċeduri kriminali kontra l-istess persuna fl-istess ġurisdizzjoni[16]. Iżda meta l-proċedimenti dixxiplinari jkunu ta' għamla u gravita' tali li jattiraw fuqhom l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jeddijiet maħsuba taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, allura dan iġib miegħu l-effett li jitqiesu wkoll dawk il-jeddijiet li jimxu id f'id mal-imsemmi artikolu, bħalma huwa l-prinċipju tan-*ne bis in idem* maħsub fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll;

Illi dak l-artikolu lanqas ma jżomm milli jittieħdu kontra l-istess persuna proċedimenti ta' għamla kriminali f'ġurisdizzjonijiet differenti dwar l-istess għamil. Fuq kollox, dak l-artikolu japplika biss dwar proċedimenti preċedenti li jkollhom it-timbru ta' ġudikat. Jidher li, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, deċiżjoni titqies bħala ġudikat meta tkun irrevokabbli u meta ma jkun għad fadal l-ebda rimedju ieħor disponibbli għall-partijiet li jista' jibdel dik id-deċiżjoni[17];

---

[16] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 569

[17] Ara t-tifsira mogħtija fit-Tielet Skeda mehmuża mal-Att XIV tal-1987 li hija silta mir-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, par. 22

Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li tiswa (għalkemm m'hux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha;

Illi fid-dawl ta' dak li għadu kemm tfisser, jidher li jeħtieġ li wieħed jara l-ewwelnett x'inhi n-natura tal-proċedura dixxiplinari meħuda mill-awtoritajiet tal-Ħabs u kif dawn il-proċeduri jidħlu fil-qafas kemm tal-jedd tan-*ne bis in idem*. B'dan il-ħsieb, il-Qorti temmen li tkun qegħda tindirizza ż-żewġ linji ewlenin meħudin mill-partijiet, u jiġifieri (a) jekk tali proċeduri humiex ta' natura tali li jservu ta' ġudikat fuq xilja kriminali sussegwenti, u (b) jekk il-proċeduri pendenti kontra l-akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jikkostitwux ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom li ma jiġux mill-ġdid ipproċessati fuq għamil li tiegħu ingħatat diġa' deċiżjoni;

Illi (a) **dwar in-natura tal-proċedimenti miżmuma mill-Bord tad-Dixxiplina u mit-Tribunal tal-Appell** fil-konfront tal-akkużati, jibda biex jingħad li m'hemm l-ebda dubju li dawn iż-żewġ enti, għalkemm m'humiex "qorti" fit-tifsira mogħtija lill-kelma mill-Kostituzzjoni, huma t-tnejn imwaqqfa bis-saħħa ta' liġi[18]. Dan ifisser li l-għamil tagħhom irid ikun jaqbel mal-liġi li taħtha ssawru u mwettaq fil-limiti mogħtija mill-istess liġi. Fuq dawn il-fatti, l-akkużati ma jressqu l-ebda lment: għall-kuntrarju, huma jtennu li dak li għaddew minnu quddiem l-imsemmija żewġ enti kien jgħodd u jorbot tant li jikkostitwixxi xkiel validu biex jitkomplew kontrihom il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati dwar l-istess fatti;

Illi, bl-istess mod li ikkostatat il-Qorti riferenti, din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li wħud mir-reati li l-akkużati jinsabu mixlijin bihom fl-Att tal-Akkuża huma l-istess reati li ttieħdu l-passi dixxiplinari dwarhom kontra tagħhom. Saħansitra t-tismija ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tal-liġi fl-Att tal-Akkuża huma dawk li jsejsu kemm id-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina u kif ukoll tat-Tribunal tal-Appell. Dan kien

[18] Regolament 102 u 79 tal-A.L. 118/95, rispettivament

wieħed mill-argumenti ewlenin li l-abbli difensur tal-akkużati seħaq fuqu waqt it-trattazzjoni tiegħu[19]. Partikolarment, ġie sottomess li s-sanzjoni li batew l-akkużati (telf ta' ċerti privileġġi, tqegħid f'taqsima ta' sigurta' ogħla u l-effetti psikoloġiċi) kienet waħda fejn ingħatalhom kastig u li t-twettiq ta' dik id-deċiżjoni sar fatt li ma jistax jitreġġa' lura daslikieku ma sar xejn. Huwa f'dan id-dawl li jgħidu li l-jedd tagħhom li ma jerġgħux jgħaddu minn proċediment ieħor dwar l-istess għamil qiegħed jinkiser bit-teħid tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

Illi, min-naħa l-oħra, l-Avukat Ġenerali jibni l-argument li d-deliberazzjonijiet magħmulin kemm mill-Bord u wkoll mit-Tribunal tal-Appell ma joħolqux piena ġdida, iżda huma sempliċi amministrazzjoni ta' piena diġa' mogħtija minn Qorti kompetenti[20]. Għalhekk, itenni li l-proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma jistgħu qatt jitqiesu bħala ripetizzjoni ta' proċeduri li ma għandhomx iċ-ċertezza tal-kastig[21], ladarba kull miżura li dawk l-enti setgħu ħadu ma setgħet qatt tmur lil hinn miż-żmien oriġinali li għalih kull wieħed mill-akkużati kien ġie ikkundannat minn Qorti fis-sentenza li kien qiegħed jiskonta[22], u kienet maħsuba biss biex tħares id-dixxiplina u ż-żamma tal-ordni fil-ħabs. Żied iressaq l-argument ukoll li l-akkużati ma tnaqqsitilhom l-ebda liberta' għaliex meta ttieħdu d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet partikolari tal-Ħabs, huma kienu diġa' imċaħħdin mil-liberta' tagħhom minħabba s-sentenzi li kienu qegħdin iservu;

Illi l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li s-sanzjonijiet li għalihom kienu suġġetti l-akkużati meta ttieħdu kontra tagħhom il-proċeduri dixxiplinari mill-awtoritajiet tal-Ħabs kienu l-effett ta' "akkuża kriminali". Il-fatt li d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Ħabs jelenkaw lista ta' "reati kontra d-dixxiplina"[23] li s-sejbien tal-ħtija fihom jagħti lok għal "pieni"[24] kontra min iwettaq xi għamil

[19] Ara paġġ. 74-5 tal-proċess
[20] Paġ. 89 tal-proċess
[21] *Ibid.* paġ. 86 tal-proċess
[22] *Ibid.* paġ. 85 tal-proċess
[23] Reg. 75 tal-A.L. 118/1995 kif mibdul b'A.L. 14 tal-2000
[24] Reg. 78 tal-A.L. 118/95

bħal dak iwassal lill-Qorti biex tifhem li tali sanzjonijiet huma r-riżultat ta' xilja kriminali fit-tifsira mogħtija lill-Konvenzjoni[25]. Din il-fehma tissaħħaħ iżjed meta l-istess dispożizzjonijiet (ukoll jekk flimkien ma' oħrajn) jissemmew fl-Att tal-Akkuża li nħareġ kontra l-akkużati fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

Illi l-punt li issa wieħed irid iqis huwa jekk dawn il-kriterji ta' "akkuża kriminali" bit-telfien ta' liberta' personali japplikawx fil-konfront ta' min ikun diġa' mċaħħad mil-liberta' tiegħu: b'mod partikolari, irid jiġi mistħarreġ jekk, u kif, jiġu applikati l-kriterji stabiliti tan-natura tax-xilja dwar persuni li jkunu qegħdin iservu piena ta' ħabs meta jseħħu l-għemejjel li dwarhom ikunu ttieħdu l-proċeduri dixxiplinari. Għalkemm mhux fil-kuntest tal-jedd tan-*ne bis in idem*, iżda fil-qafas usa' tal-jedd tas-smigħ xieraq, din il-kwestjoni ġiet mistħarrġa mill-Qorti Ewropeja f'għadd ta' kawżi mressqa quddiemha[26] u waslet għall-fehma li fejn għemejjel serji kienu jġibu fuqhom sanzjonijiet li jwasslu għat-telfien tal-jiem ta' maħfra, telfien ta' privileġġi u għeluq f'ċella konfinata, tali għemejjel kienu jaqgħu fl-ambitu ta' offiża kriminali;

Illi, minbarra dan, dik il-Qorti waslet biex sabet ukoll li t-telfien ta' għadd ta' jiem ta' maħfra (*remission*) minħabba t-teħid ta' proċeduri dixxiplinari b'riżultat ta' għamil li jikser ir-regolamenti tal-ħabs, ifisser piena li tissarraf f'telf ta' aspettativa leġittima, jekk mhux ta' jedd vera u proprju[27]. Minbarra dan, id-distinzjoni bejn "privileġġ" u "jedd" tal-ħabsi dwar it-tnaqqis tal-piena ma jidhirx li baqgħet rilevanti iżjed ladarba, taħt ir-regolamenti fis-seħħ, huwa kien jistenna li jinħeles meta jitnaqqsu l-jiem tal-maħfra mirbuħa. Din il-fehma twieġeb għall-argument imressaq f'din ir-Riferenza mill-Avukat Ġenerali dwar jekk it-tnaqqis ta' jiem ta' maħfra kontra l-akkużati kinitx kastig jew inkella "tneħħija ta' privileġġ". Il-Qorti tagħraf illi din il-linja ta' deċiżjonijiet ma kinitx nieqsa minn nuqqas ta' qbil fi ħdan dik il-Qorti, u kemm hu hekk wieħed jista' jgħid li f'kull

[25] ***Engel et vs The Netherlands*** (**8.6.1976**) (Applik. Nru.5100/71) par. 82-3
[26] Ara, per eżempju, ***Campbell and Fell vs U.K.*** (**28.6.1984**) (Applik. Nru.7819/77) par. 67-73
[27] Ara, per eżempju, ***Ezeh and Connors vs U.K.*** (**15.7.2002**) (Applik.Nri. 39665/98 u 40086/98) par. 87-93 (konfermata mill-Grand Chamber fid-**9.10.2003**)

sentenza minnhom hemm opinjonijiet ta' minoranza li juru, b'mod mill-aktar qawwi, kemm il-fehmiet huma maqsuma;

Illi meta wieħed iqis l-għadd ta' jiem ta' maħfra mitlufa minn kull wieħed mill-akkużati bis-saħħa tal-proċeduri dixxiplinari meħuda kontrihom, u jqabbilhom mal-piena maħsuba fil-liġi għar-reati li issa qegħdin jiġu mixlijin bihom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, wieħed ma jistax ma jqisx li s-sanzjoni kienet "*appreciably detrimental*". Ma' dan għandu jitqies ukoll li l-għamil li wassal għat-teħid tal-proċeduri dixxiplinari fil-konfront tal-akkużati jitqies bħala "offiża serja" taħt ir-Regolamenti fis-seħħ;

Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-proċeduri dixxiplinari meħuda kontra l-akkużati mill-awtoritajiet tal-Ħabs jikkostitwixxu proċeduri ta' għamla "kriminali" għall-finijiet tal-Konvenzjoni;

Illi s-soluzzjoni tal-kwestjoni dwar (b) **jekk il-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kontra l-akkużati jikkostitwux ksur tal-jedd tagħhom tan-*ne bis in idem***, tiddependi mill-isfera ta' applikazzjoni tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. Il-Qorti tidentifika dawn l-elementi biex jista' jingħad li tali jedd ikun inkiser: (i) teħid ta' proċeduri **jew** l-għoti ta' piena mill-ġdid; (ii) fi proċediment kriminali; (iii) għal reat li dwaru tkun diġa' ngħatat deċiżjoni finali; (iv) fl-istess ġurisdizzjoni; u (v) skond il-liġi u l-proċedura ta' dak il-pajjiż. L-għan ewlieni ta' dan l-artikolu huwa għalhekk dak li jżomm milli ssir ripetizzjoni fl-istess Stat ta' proċeduri kriminali li jkunu ntemmu qabel b'deċiżjoni finali[28];

Illi ta' min iżomm quddiem għajnejh li l-kliem tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jirreferi għal proċess jew kastig "għaldarboħra" ta' persuna għal reat li dwaru tkun diġa' ġiet kundannata jew meħlusa b'sentenza li tkun finali: l-artikolu ma jirreferix għall-"istess reat". Jidher għalhekk li l-mira ewlenija tal-imsemmi artikolu hija dik li persuna ma tiġix proċessata iżjed minn darba għall-istess fatt u mhux biss li ma tiġix kastigata iżjed minn darba għalih. Lanqas

[28] Ara ***Gradinger vs Austria*** (**23.10.1995**) (Applik. Nru.15963/90), par. 53

jidher li dak l-artikolu jagħmel distinzjoni dwar jekk il-proċedimenti dwar persuna għal reat ikunu ttieħdu quddiem l-istess qorti jew inkella jkunux saru quddiem tribunali differenti;

Illi kemm hu hekk, ġie mfisser ukoll li "*the question whether or not the non bis in idem principle is violated concerns the relationship between the two offences at issue and can, therefore, not depend on the order in which the respective proceedings* (jiġifieri dak "amministrativ jew dixxiplinari" u dak "kriminali" quddiem il-Qorti) *are conducted*"[29]. Għalhekk, "*while it is true that the mere fact that a single act constitutes more than one offence is not contrary to this Article, the Court must not limit itself to finding that an applicant was, on the basis of one act, tried and punished for nominally different offences. ... Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court has to examine whether or not such offences have the same essential elements*"[30];

Illi minn dak li joħroġ minn dawn id-deliberazzjonijiet tal-Qorti Ewropeja wieħed jislet il-fehma li dak li huwa essenzjali għad-determinazzjoni ta' jekk it-"tieni" proċediment jiksirx ir-regola tan-*ne bis in idem* hu jekk ir-reat li bih il-persuna tiġi mixlija jikkostitwix għamil bl-istess elementi tar-reat li dwaru dik il-persuna kienet diġa' nstabet ħatja. Jekk l-elementi jirriżultaw l-istess jew jirkbu fuq xulxin, allura t-tendenza hija li jkun hemm ksur tal-prinċipju tan-*ne bis in idem*. Min-naħa l-oħra, jekk l-għamil wieħed jagħti lok għal iżjed minn reat punibbli wieħed, it-teħid ta' iżjed minn proċedura waħda fil-ġurisdizzjoni tal-istess Stat dwar kull reat ma jiksirx dik ir-regola[31];

Illi x'ħin il-Qorti tqiegħed il-fatti li joħorġu mill-każ li għandha quddiemha fid-dawl ta' dawn il-prinċipji stabiliti (għalkemm għadhom qegħdin jevolvu) mill-Qorti Ewropeja, għandu jirriżulta li l-proċeduri dixxiplinari

---

[29] Ara ***Fischer vs Austria*** (**29.05.2001**) (Applik. Nru. 37950/97), par. 29
[30] Ara ***Ponsetti and Chesnel vs France*** (**14.9.1999**) (Applik. Nru. 36855/97)
[31] Ara, per eżempju, ***Goktan vs France*** (**2.7.2002**)(Applik.Nru. 33402/96), par. 44, 52

meħudin kontra l-akkużati jikkostitwixxu proċediment kriminali dwar reat li dwaru l-akkużati kienu diġa' nstabu ħatja. Dawk il-proċedimenti kienu deċiżjoni finali u, fuq kollox, kienu mogħtija skond il-liġi u l-proċeduri preskritti. Huwa minnu li kemm l-artikolu 152 tal-Kapitolu 9 u r-Regolament 88 tal-Avviż Legali 118 tal-1995 jindikaw li kull waħda mis-sanzjonijiet fir-rispettivi dispożizzjonijiet hija mingħajr ħsara għaż-żewġ proċedimenti relattivi, imma dan ma jfissirx li t-teħid taż-żewġ proċedimenti b'daqshekk jgħaddi mill-għarbiel tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. Għall-kuntrarju, fil-fehma ta' din il-Qorti, in kwantu l-akkużi mressqin kontra l-akkużati fil-proċeduri issa pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jinbnew fuq l-istess għamil (il-ħarba mill-ħabs) u l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jikkostitwixxu identita' ta' elementi, dawn il-proċeduri jidher li jmorru kontra l-prinċipju tan-*ne bis in idem*. Il-Qorti qegħda tagħmilha ċara li fejn tressqu akkużi kontra l-akkużati li ma jaqgħux fl-isfera tal-proċedimenti diġa' meħudin kontrihom jew fejn l-għamil jikser xi dispożizzjoni oħra tal-liġi li ma tagħmilx parti mill-istess reat, xejn m'għandu jżomm lill-Qorti tal-Maġistrati li tkompli bis-smigħ tal-proċedimenti mibdija skond l-Att tal-Akkuża;

Illi għalhekk, il-Qorti qegħda ssib li t-tressiq tal-akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixlija bir-reat tal-ħarba mill-ħabs jikkostitwixxi ksur tal-jedd tagħhom taħt l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi, kif ingħad f'okkażjonijiet oħrajn, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jiżgura mhux biss li jinżamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pożizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-mezzi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jiżgura proċess ġust u xieraq[32]. Din il-Qorti għalhekk tħalli f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala l-Qorti kompetenti biex, fid-dawl tar-riżultanzi ta' din id-deċiżjoni, tirregola hi dwar il-mixi 'l quddiem tal-proċeduri

[32] Ara Kost. **20.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.417**)

mressqin quddiemha, kif jippreskrivi l-istess artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li taħtu saret ir-Riferenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiddikjara** li l-ilment tal-akkużati ma jikkostitwix ksur tad-drittijiet tagħhom taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

**Tiddikjara** madankollu li l-ilment tal-akkużati jikkostitwixxi ksur, fil-limiti hawn fuq imsemmija, tad-dritt tagħhom li ma jkunux proċessati aktar minn darba waħda kif stabilit taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali; u

**Tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jgħaddi lura l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tiddisponi mill-każ skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------